**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 24 ta' Settembru 2020.**

**<u>Rikors nru: 198/2020 AGV ;</u>**

**AB C**

**vs**

**D B**

**Il-Qorti,**

**Rat ir-rikors ta' ABC, datat 2 ta' Lulju 2020, fejn esponiet bir-rispett;**

1. Illi l-kontendenti zzewwgu nhar id- 9 ta' Ottubru 2004, u dana skont l-att taz-zwieg kopja ta' liema qed jigi hawn anness u mmarkat Dok A;
2. Illi minn daz-zwieg twieldu EB u FB u dan skont l-estratti tat-twelid hawn annessi, mmarkati Dok. B u Dok. C;
3. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' sentenza datat 11 ta' Marzu 2020, Dok D;

4. Illi pero’ l-esponenti ilha ma tghix mal-intimat sa minn April 2015.
5. Illi m’ hemm l-ebda prospett regenevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;
6. Illi l-esponenti tixtieq li mal-hall taz-zwieg , hija tirreverti lura ghal kunjom xbubita, u cjoe’ C, u dan ai termini tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Illi ghalhekk dal-fatti jissodisfaw ir-rekwiziti tal-artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti sabiex;

a. Tippronunzja l-hall taz-zwieg civili bejn il-partijiet;
b. Tordna li mid-data tas-sentenza, kunjom l-attrici jirriverti lura ghal dak li kien fi xbubitha u cjoe ‘C’, u dan a tenur tal-artikolu 62 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;
c. Tordna lir-registratur tal-Qrati sabiex fi zmien xahar javza lid-direttur registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, ai termini tal-Artikolu 66 A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U dan taht dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa u opportuni.

Bl-ispejjez.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 24 ta' Settembru 2020, deher l-konvenut li qed jiddikjara li mhux qed joggezzjona ghat-talba tal-attrici ABC.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti esebiti.

Rat li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-ligi ghall-ghoti tad-divorzju.

Rat li, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa' t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.

Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Tilqa' it-talba tal-esponenti biex tirreverti ghal kunjom xbubitha u cjoe' C.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G Vella**

**Imhallef**

**Cettina Gauci**

**Dep Reg**